

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) Suċċessjonijiet >

Suċċessjonijiet

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 650/2012

Informazzjoni ġenerali

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 650/2012 tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi għandu l-għan li jiffaċilita l-ittrattar tas-suċċessjonijiet internazzjonali għaċ-ċittadini.

Ir-Regolament japplika fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tad-Danimarka u tal-Irlanda.

Ir-Regolament, li japplika għas-suċċessjoni ta' persuni li jmutu fis-17 ta' Awwissu 2015 jew wara, se jiżgura li suċċessjoni partikulari tiġi trattata b'mod koerenti, skont liġi unika u minn awtorità waħda, filwaqt li tippermetti wkoll li ċ-ċittadini jagħżlu l-liġi tal-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom sabiex tapplika għas-suċċessjoni tagħhom.

Ir-Regolament jintroduċi wkoll Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (European Certificate of Succession, ECS), li huwa dokument maħruġ mill-awtorità li tittratta s-suċċessjoni li jintuża mill-werrieta, mil-legatarji, mill-eżekuturi testamentarji u mill-amministraturi tal-patrimonju li jipprova l-*istatus* tagħhom u jeżerċita d-drittijiet jew is-setgħat tagħhom fi Stati Membri oħrajn, mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda proċedura speċjali.

Fid-9 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni adottat ir- [Regolament ta' Implimentazzjoni](#) li jistabbilixxi l-formoli li jridu jintużaw skont ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni:

- [Word \(347.5 KB - DOC\)](#) [MT](#)
- [PDF \(867.29 KB - PDF\)](#) [MT](#)

Il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika jippermetti l-possibbiltà li timtela u tinħoloq PDF tal-formula V (Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni) online [hawnhekk](#).

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Ħolqa relatata

[Gwida għaċ-ċittadini : kif ir-regoli tal-UE jissimplifikaw il-wirt internazzjonali](#)

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

■ L-aħħar aġġornament: 12/05/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.